# L-Agħsafar fil-Buskett

*Paul Portelli*




*SEQER TAL-ĦANNIEQA*

L-agħsafar li jidhru fil-Buskett nistgħu naqsmuhom fi tliet gruppi;
a) dawk li huma residenti, jigifieri dawk li jinsabu fil-Buskett is-sena kollha, fejn anke jbejtu;
b) dawk li jiġu fir-rebbiegħa u jibqgħu biex ibejtu, u
c) dawk li jidhru biss waqt il-passa tar-rebbiegħa u tal-ħarifa u li wħud minnhom iqattgħu x-xitwa kollha fil-Buskett.

## AGĦSAFAR RESIDENTI

Fil-Buskett u madwaru jgħixu u jbejtu ta' kull sena sitt speċi ta' agħsafar. Dawn huma l-Bufula Sewda (*Sardinian Warbler*); il-Bufula Ħamra (*Spectacled Warbler*) li dan l-aħħar naqset ħafna; il-Bagħal ta' l-Imrewħa (*Fan-tailed Warbler*); il-Bagħal tal-Għolliq (*Cetti's Warbler*); id-Durrajsa (*Corn Bunting*) u l-Għasfur tal-Bejt (*Spanish Sparrow*). Dawn wieħed jista' jismagħhom u jarahom fil-Buskett is-sena kollha jittajru ħielsa, filwaqt li jimlew dan il-masġar bl-ilwien u l-għana tagħhom.

In-numru kbir ta' siġar ta' speċi differenti li jikbru fil-Buskett jipprovdu ambjent mill-aqwa għall-agħsafar. Fis-siġar kbar l-agħsafar isibu kenn u anke ikel. L-ikel jikkonsisti fi żrieragħ, frott, dud u nsetti li huma mfittxija ħafna mill-agħsafar. Fil-Buskett insibu rqajja' ta' ambjenti differenti li jiġbdu varjeta' ta' agħsafar, kollha jfittxu l-ikel partikolari tagħhom.

## AGĦSAFAR LI JIBQGĦU MAGĦNA FIS-SAJF

Żewġ speċi ta' agħsafar li jbejtu fil-Buskett: huma iż-Żanżarell tat-Tikki (*Spotted Flycatcher*) li kważi jbejjet kull sena u l-Kaċċamendula (*Woodchat Shrike*) li qabel kienet tbejjet ta' spiss. Dawn ipassu fir-rebbiegħa, u ftit minnhom jibqgħu hawn u jbejtu għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Mejju.

Wara li jtellgħu l-frieħ tagħhom, huma jerġgħu jpassu fil-ħarifa lejn l-Afrika. Fi żmien il-bejta mhix ħaġa rari li tara xi Żanżarell tat-Tikki fuq xi tarf ta' fergħa tiela' u nieżel jaqbad l-insetti. Anke l-Kaċċamendula ġieli tidher fuq xi zokk tgħarrex għall-gremxul jew għal xi nsetti mdaqqsa, bħal per eżempju ġurati.

Ta' kull sena jkun hemm agħsafar oħra li jirppruvaw ibejtu fil-Buskett. F'dan ma jseħħilhomx mhux għax l-ambjent ma hux addattat, iżda għax jisfaw meqruda, maqbuda jew im-naffra milli jagħmlu hekk. Fost dawn l-agħsafar insibu l-Isponsun (*Chaffinch*), l-Apparell (*Serin*), il-Ġojjin (*Linnet*), l-Ispanjulett (*Kestrel*) u anke l-Barbaġann (*Barn Owl*) u xi par Gamiem (*Turtle Dove*).



*QERD IN—NAĦAL*



*KAĊĊAMENDULA*

## AGĦSAFAR TAL-PASSA U TAX-XITWA

L-agħsafar tal-passa veru li jagħtu de-hra mill-isbaħ lill-Buskett, kemm fir-rebbiegħa kif ukoll fil-ħarifa. Matul il-passa tar-rebbiegħa jidhru bosta Gamiem, Tajr Isfar (*Golden Oriole*) u Qerd in-Naħal (*Bee-eater*). Dawn bħall-agħsafar l-oħra kollha jkunu sej-rin lejn l-Ewropa biex jibnu l-bejta u jtellgħu l-frieħ tagħhom. Mill-banda l-oħra fil-passa tal-ħarifa jidhru ħafna Tajr tal-Priża (*Birds of Prey*), Mlievez (*Thrushes*), Sturnell (*Starlings*), Pittirossi (*Robins*), Kapineri (*Blackcaps*), u agħsafar oħra. Uħud minn dawn jibqgħu x-xitwa kollha fil-Buskett, biex mad-daħla tar-rebbiegħa jerġgħu jitilgħu lejn l-Ewropa biex ibidu.

Fost dawn insibu lill-Pitirross li jibqa' Malta anke sa Marzu. Wieħed jista' jara dan l-għasfur inaqqi d-dud minn fuq il-weraq jew jgħanni minn qalb is-siġar u jimla l-Buskett bil-għana ħelu tiegħu. Il-Kapinera tidher ukoll tiekol il-frott iswed tal-liedna (*Ivy*) li tiksi bosta ħitan u siġar fil-Buskett. L-għana ta' dan l-għasfur hi tassew sabiħa u l-ġonna tal-Buskett jidwu b'din l-għana minn




*ZAKAK ABJAD*

Diċembru sa Marzu. Iz-Zakak Abjad (*White Wagtail*), iz-Zakak tad-Dell (*Grey Wagtail*) u l-Pespus (*Meadow Pipit*), li t-tlieta iqattgħu x-xitwa magħna ukoll jidhru jfittxu d-dud fil-ħamrija. Iżda bla dubju, l-aktar agħsafar li jipprovdu spettaklu fil-Buskett huma t-Tajr tal-Priża li jidhru kull Settembru. F'dan iż-żmien dawn l-agħsafar ikunu qed ipassu mill-Ewropa għall-Afrika. Peress li dawn ma jħobbux jittajru distanzi twal fuq l-ibħra, jfittxu kurrenti ta' arja sħuna li tkun tielgħa 'l fuq u li tgħinhom jogħlew. Fuq dawn il-kurrenti ta' arja sħuna dawn l-agħsafar jissiefħu u jissaqqru fuq il-masġar u jkun fihom ġmiel liema bħalu.

Fost dawn wieħed jista' jara Kuċċard (*Honey Buzzards*), Spanjuletti (*Kestrels*) Bisien (*Peregrine Falcons*), Isqra (*Hawks*), Bugħadam (*Harriers*) u anke xi Arpa (*Osprey*) u xi Sparvier (*Sparrow Hawk*). Mhux l-ewwel darba li jidher ukoll xi Seqer tal-Ħannieqa (*Hobby*) jaqbad xi mazzarell mill-ajru. Anke xi Spanjulett igħarrex għal xi ġurdien fl-art jista' jintlemaħ. Biss mhux it-Tajr tal-Priża kollha jinżlu għall-ikel fil-Buskett. Il-Kuċċard, per eżempju, jinżel fis-siġar taż-Żnuber biex jorqod lejl wieħed, għax dan ma jiekolx waqt li jkun qed ipassi.

Il-Buskett ilu santwarju ta' l-agħsafar sa mill-1932 u minn dan iż-żmien fil-Buskett ma setgħetx issir la kaċċa u lanqas insib. Il-liġijiet ġodda ta' l-1980 għamluha wkoll illegali li wieħed iġorr arma tan-nar, skrataċ u anke trabokki mhux biss fil-Buskett iżda ukoll sa 200 metru mad-dawra tiegħu. L-agħsafar kollha huma protetti fil-Buskett. Iżda sfortunatament bosta minn dawn l-agħsafar protetti jinqatlu u jinqabdu fil-Buskett. Kull sena jsir massakru sħiħ mit-Tajr tal-Priża, Gamiem, Sturnell, Imlievez u agħsafar oħra fis-santwarju tal-Buskett. Barra minn hekk il-qbid illegali tal-Pitirrossi bit-trabokki (illegali wkoll) hi ħaġa komuni fil-Buskett. Kemm ikun sabiħ dan il-post kieku l-agħsafar li jinżlu fih jitħallew jittajru ħielsa u ma jinqatlux illegalment. Kemm ikun sabiħ kieku kulħadd ikun jista' jżur u jgawdi l-ġmiel tan-natura fost l-għana u l-lwien ta' l-agħsafar fil-Buskett. Kemm ikunu aktar l-agħsafar li jbejtu l-Buskett u jimlew pajjiżna bil-frieħ tagħhhom. Għalhekk hemm bżonn li l-Buskett jiġi mħares aħjar biex kulħadd ikun jista' jgawdi l-agħsafar u l-ħlejjaq l-oħra kollha. ●




*STURNELL*